**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 308/2016**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Justine Agius**

Illum 25 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti **Justine Agius**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 376700(L), akkużata quddiem il-Qorti tal-Minorenni (Malta) talli b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li jkunu ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda u ċioè:

talli fl-1 ta' Jannar 2016 għall-ħabta tad-21:00hrs ġewwa Dar Fra Diegu, Triq Villambrosa, Ħamrun:

1. ikkaġunat ġrieħi ta' natura ħafifa fuq uffiċjal pubbliku u ċioè fuq *careworker* Richard Albert Scicluna skont kif iċċertifika Dr. J.P. Tabone, MD Reg. No. 3051 tal-Floriana Centre, liema reat hu aggravat *ai termini* ta' Artikolu 222(1)(c) tal-Kapitolu 9 peress li l-ġrieħi saru fuq il-persuna ta' uffiċjal pubbliku u ċioè *care worker* Richard Albert Scicluna meta dan kien inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku jew li kien uffiċjal jew impjegat ta' korp kostitwit b'liġi u r-reat sar minħabba li dan il-persuna kien għamel id-dmirijiet tal-kariga tiegħu;

2. ħebbet għal *care worker* Richard Albert Scicluna sabiex tinġurjah, iddejqu jew tagħmillu ħsara;

3. inġurjat jew heddet jew għamlet offiża fuq il-persuna ta' *care worker* Richard Albert Scicluna, persuna nkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien qed jagħmel dan is-servizz jew bil-ħsieb li tbezzgħu jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

<u>talli fit-2 ta' Jannar 2016 għall-ħabta tat-14:45hrs ġewwa Dar Fra Diegu, Triq Villambrosa, Ħamrun</u>:

4. ikkaġunat ġrieħi ta' natura ħafifa fuq uffiċjal pubbliku u ċioè fuq *care worker* Sebastiana Simler, skont kif iċċertifika Dr. Simon Mifsud MD tal-Floriana Centre, liema reat hu aggravat *ai termini* ta' Artikolu 222(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li l-ġrieħi saru fuq il-persuna ta' uffiċjal pubbliku u ċioè *care worker*, Sebastiana Simler meta din kienet inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku jew li kien uffiċjal jew impjegat ta' korp kostitwit b'liġi u r-reat sar minħabba li dan il-persuna kien għamel id-dmirijiet tal-kariga tiegħu;

5. ħebbet għall-*care worker* Sebastiana Simler sabiex tinġurjaha, iddejjaqha jew tagħmillha ħsara;

6. inġurjat jew heddet jew għamlet offiża fuq il-persuna ta' *care worker* Sebastiana Simler, persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienet qed tagħmel jew minħabba li kienet qed tagħmel dan is-servizz jew bil-ħsieb li tbezzagħha jew li tinfluwixxi fuqha kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Minorenni tas-16 ta' Marzu 2016, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 18, 37, 95, 221, 222 u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tagħha u b'applikazzjoni ta' Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta poġġietha taħt Ordni ta' *Probation* għal perjodu ta' sena bil-kondizzjonijiet elenkati f'ordni mogħti kontestwalment mas-sentenza. Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import tas-sentenza u x'jiġri jekk tikkommetti reat ieħor fi żmien sena u jekk ma toqgħodx għall-ordnijiet lilha mogħtija. Il-Qorti ordnat notifika tas-sentenza lid-Direttur ta' l-Uffiċju tal-*Probation*.

Rat illi fis-27 ta' Mejju 2016 l-Uffiċjal tal-*Probation* Charisse Boffa ppreżentat Rikors ta' denunzja (*a fol.* 30) *ai termini* ta' Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta fejn fiha nfurmat lill-Qorti li Justine Agius kienet naqset milli żżomm ruħha f'kuntatt mal-Uffiċju tal-*Probation*, skont id-direttivi mogħtija lilha, u li minħabba l-aġir negattiv tagħha u n-nuqqas ta' kuntatt, il-pjan ta' kura li kien ġie mfassal għaliha ma setax iseħħ u s-superviżjoni neċessarja li hi parti integrali mill-Ordni ta' *Probation* ma setgħetx issir.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Minorenni tal-1 ta' Ġunju 2016, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 7 u 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputata ħatja li naqset li toqgħod għall-ħtiġijiet tal-Ordni tal-*Probation* mogħti fis-16 ta' Marzu 2016 u ttrattat magħha għar-reati li tagħhom instabet ħatja permezz tas-sentenza mogħtija dakinhar u tagħhom ikkundannatha xahar priġunerija.

Rat ir-Rikors tal-appellanti ppreżentat fl-14 ta' Ġunju 2016 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex: *"tilqa' dan l--appell u tvarja s-sentenza*

*tal-Qorti tal-Minorenni tal-1 ta' Ġunju 2016, billi tikkonferma dik il-parti fejn sabet lill-appellanta ħatja li naqset li toqgħod għall-ħtiġijiet tal-Ordni tal-Probation mogħti fis-16 ta' Marzu 2016 u tħassar dik il-parti fejn għażlet li titratta magħha għar-reat li tiegħu instabet ħatja fis-16 ta' Marzu 2016 u kkundannatha xahar priġunerija u minflok tordna t-tkomplija tal-imsemmija Ordni tal-Probation ai termini tal-Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, jew fin-nuqqas timponi piena li mhix ta' priġunerija effettiva, u dan taħt dawk l-ordnijiet kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi dan huwa appell dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fir-rigward tas-sentenza mogħtija minnha fl-1 ta' Ġunju 2016 liema sentenza ġiet mogħtija wara li l-Uffiċjal tal-*Probation* Charisse Boffa ppreżentat denunzja fis-27 ta' Mejju 2016 *ai termini* ta' Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellanti titlob li din il-Qorti tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabitha ħatja waqt li tħassar il-parti tas-sentenza konċernanti l-piena u minflok tordna t-tkomplija tal-Ordni ta' *Probation* jew, fin-nuqqas, timponi piena li mhix ta' priġunerija effettiva.

Illi fir-Rikors tal-appell tagħha l-appellanti ssostni li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tagħha hija waħda eċċessiva u dana meħud in konsiderazzjoni li kienet għadha minuri. Tisħaq li b'piena ta' priġunerija ħa tkun iktar esposta għall-influwenzi

negattivi u dan ħa jxekkel il-ħidma tal-professjonisti li qed jaħdmu magħha. Tgħid li kellha tfulija diffiċli u għalhekk biex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni tagħha jeħtieġ iż-żmien.

**Ikkunsidrat**

Illi meta ġiet biex tagħti l-piena fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti qieset il-fatt li l-appellanti ma kienet qed isegwi ebda Ordni ta' *Probation* li kienet ingħatat u kien hemm problema wkoll bl-abbuż tad-droga sintetika. L-Ewwel Qorti nnuttat li minkejja t-tentattivi kollha biex l-appellanti tingħata l-għajnuna, ma kienx hemm riżultati pożittivi tant li hija kienet qed taħrab kontinwament u kienet f'kuntrast kontinwu mal-*carers* tagħha u l-Pulizija. Kienu għal dawn ir-raġunijiet li l-Ewwel Qorti ħasset li l-appellanti, għalkemm għaddiet minn ħafna u kien għad għandha eta' tenera, kien hemm bżonn li fi kliem l-Ewwel Qorti: "*tibdel l-attitudni tagħha u tagħraf li anke hi, minkejja li minorenni, u minkejja dak kollu li għaddiet minnu f'ħajjietha, trid toqgħod għar-regoli imposti fuqha mill-awtoritajiet kompetenti*" (*a fol.* 37).

**Ikkunsidrat**

Illi huwa stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza nostrana illi bħala regola qorti ta' revizjoni ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*". Dan ingħad, fost l-oħrajn, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-25 ta' Awwissu 2005 fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum et** (Numru 9/2004).

Illi fis-sentenza mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Nazzareno Caruana** (Numru 45/2020) din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna,

tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **Il-Pulizija vs. Joseph Attard** mogħtija [...] fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:

> "Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-Ewwel Qorti. Dan tagħmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mil-liġi għar-reat in eżami, jew tkun xi piena ħarxa wisq jew sproporzjonata għal dak li jkun għamel il-ħati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-liġi.""

Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ikkwotat, hija xtarret dak li qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Apparti minn dan, din il-Qorti xtarret ukoll dak li xehdu is-*social worker* Joanne Bugeja (*a fol.* 51 *et seq.*) u l-Uffiċjal tal-*Probation* Charisse Boffa (*a fol.* 55 *et seq.*) fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2018 quddiem din il-Qorti diversament preseduta.

Illi l-Uffiċjal tal-*Probation* Charisse Boffa xehdet hekk:

> "L-ewwelnett bażikament bħalissa qed insegwi lil Justine fuq Ordni ta' *Probation* li ngħatat fil-5 ta' April tas-sena l-oħra mill-*Juvenile Court* rigward pussess ta' *cannabis*, u dan il-perjodu għal tmintax-il xahar. L-attendenza tagħha mad-dipartiment tagħna kienet dejjem waħda regolari, qisu s-sena l-oħra li kien hemm ftit problemi rigward imġieba tagħha ġewwa l-*home* fejn hija għadha tgħix, u anka minħabba użu ta' sustanzi lleċiti.
>
> Infatti kienet *referred* il-"Youth in Focus" tal-Appoġġ biex taħdem naqra fuq dik il-problema. Kienet ukoll segwita

tul dawn ix-xhur minn Dr. Chantelle Avellino li hija l-*forensic psychologist* fid-dipartiment tagħna biex taħdem anka fuq ċertu *issues*, pero' Justine hija *quite resistant* biex titkellem fuqha nfisha.

F'dawn l-ahhar xhur hi wkoll kienet qed taħdem u bidlet madwar żewġ xogħlijiet. Fil-preżent hi ma hijiex qed taħdem xogħol regolarizzat pero' mill-*last session* li kelli magħha fejn kien hemm ommha preżenti spjegawli li hi ser tibda *course* għal *nail technician*.

Rigward *urine tests* fid-dipartiment tagħna dejjem irriżultaw fin-negattiv għal sustanzi lleċiti. Qisu jiena l-unika *concern* tiegħi f'dan il-punt huwa li tajjeb li toqgħod naqra aktar għad-direttivi ta' l-*home in relation to urine test*. L-attitudini tagħha tjiebet, anka fil-*home*, fejn infatti d-denunzji li kienu saru, għax saru diversi mingħandi, tlieta b'kollox, kienu minħabba l-imġieba tagħha dak iż-żmien fil-*home*."

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ġie ċċitat hawn fuq u meħud in konsiderazzjoni wkoll tal-fatt li l-appellanti kienet għadha minuri, inkluż il-fatt li l-appell tal-appellanti ilu pendenti mis-sena 2016 u li mill-fedina penali aġġornata tal-appellanti jirriżulta li l-aħħar kundanna fil-konfront tagħha kienet f'Marzu 2019, b'hekk din il-Qorti hija tal-fehma li għandha tvarja l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti u għaldaqstant ser jiġi milqugħ l-appell tal-appellanti f'dan is-sens.

Illi l-appellanti qed tingħata din l-opportunita' tad-deheb sabiex tevita li tiġi mibgħuta tiskonta piena fil-ħabs b'dan illi hija għandha tagħmel dak kollu neċessarju sabiex tevita li tiġi mibgħuta l-ħabs.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellanti Justine Agius fis-sens illi tirriforma s-sentenza appellata (ċioè dik mogħtija fil-1 ta' Ġunju 2016) billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellanti nstabet ħatja li naqset li toqgħod għall-ħtiġijiet tal-Ordni ta' *Probation* mogħti fis-16 ta' Marzu 2016;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellanti ġiet ikkundannata xahar priġunerija u minflok *ai termini* ta' Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta filwaqt li tikkundanna lill-appellanti għall-ħlas ta' ammenda ta' mitejn Euro (€200) tordna li l-Ordni ta' *Probation* ta' sena mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-16 ta' Marzu 2016 titkompla għal perjodu li fadal b'dan illi għandu jitnaqqas il-perjodu mis-16 ta' Marzu 2016 (meta ngħatat l-ewwel sentenza mill-Ewwel Qorti) sal-15 ta' Mejju 2016 (liema data tissemma fid-denunzja tal-Uffiċjal tal-*Probation* Charisse Boffa).

Il-Qorti qed twissi lill-appellanti dwar il-konsegwenzi f'każ li tikser xi waħda mill-kondizzjonijiet imsemmija fl-Ordni ta' *Probation* mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-16 ta' Marzu 2016.

Il-Qorti tissolleċita lill-appellanti biex timxi mad-direzzjonijiet kollha li jingħatawlha għaliex dawn id-direttivi **BISS** jistgħu jikkonsolidaw il-progress tagħha.

Finalment, din il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi mibgħuta lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole*.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |